TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Noel Camilleri**

**Vs**

**Patrick Grech - Patrick Woodworks**

CCT 45/25/CC

Illum 6 ta' Mejju, 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-atturipprezentata fl-4 ta' Marzu 2025, fejn talab rifuzjoni ta' l-ammont ta' elfejn, mitejn u disa u tmenin ewro u sebghin centezmu (€2,289.70c) rapprezentanti ammont imhallas minnu lil intimat fuq ordni ta' ghamara rigwardanti kamra tas-sodda u bibien.

Ra li l-intimat debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezenta l-ebda risposta, u lanqas deher ghas-seduta skedata ghal provi tal-partijiet.

Sema' lil attur Noel Camilleri u lix-xhud Alison Camilleri Galdes jixhdu bil-gurament fis-seduta tad-29 ta' April 2025.

Ra l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-dokumentazzjoni estensiva ipprezentata mill-attur fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Ikkunsidra ;

Illi jirrizulta li f'Jannar 2023 l-attur ghamel ordni ta' ghamara minghand l-intimat, liema ordni kienet tikkonsisti f'kamra tas-sodda u bibien. Ghal din l-ordni kienu thallsu l-ammonti ta' €1,450 (elf erba' mija u hamsin), u €550 (hames mija u hamsin), kif jirrizulta mid-dokumenti ipprezentati fl-atti ta' dawn il-proceduri. Inoltre, wara xi zmien irrizulta li l-intimat informa lil attur li kellu bzonn xi oggetti sabiex tinhadem din l-ordni, bhal pumi tal-bibien u l-molla tas-sodda, u l-intimat qal lil attur sabiex jixtrihom hu. Effettivament l-attur ghamel hekk, u kopja ta' l-ircevuti relattivi jinsabu

ezebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri. Ghal dawn l-oggetti addizzjonali l-attur nefaq somma ulterjuri ta' €289.70c (mitejn, disa' u tmenin ewro u sebghin centezmu). Din is-somma tirrizulta wkoll pruvata mid-dokumentazzjoniipprezentata mill-attur fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Illi jirrizulta li in segwitu ghal din l-ordni, l-attur irriskontra diffikulta sabiex jikkuntatja lil intimat, b'dan li kellha anke' tintbaghat korrispondenza registrata, ghal liema korrispondenza, l-attur ma' inghata l-ebda risposta.

Illi kemm l-attur kif ukoll mart l-attur, Alison Camilleri Galdes ikkonfermaw quddiem dan it-Tribunal attwalment, l-intimat qatt ma ecceda fil-propjeta taghhom sabiex l-ordni tigi kompletata, u dan minkejja diversi skambji ta' messaggi bejn il-partijiet.

Da parti tieghu, l-intimat jinsab fi stat ta' kontumacja, u fis-seduta appuntata ghal provi tal-partijiet, l-intimat ma' deherx, u hadd ma deher in rapprezentanza ta' l-intimat sabiex jiggustifika l-istat ta' kontumacja tieghu.

Illi t-Tribunal, wara li sema' l-attur, u lil martu Alison Camilleri Galdes jixhdu bil-gurament fis-seduta tad-29 ta' April 2025, u wara li ra d-dokumenti ezebiti mill-attur, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-attur ghandha timmerita konferma.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li l-attur irnexxielu jipprova l-istanza tieghu sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnu ghandha tigi milqugha, b'dan li l-intimat ghandu jhallas lil attur s-somma ta' elfejn, mitejn u disa u tmenin ewro u sebghin centezmu (€2,289.70c) rapprezentanti somma mhallsa fuq ordni mhux kompletata ta' ghamara, u spejjez inkorsi mill-attur fuq l-istess ordni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba avvanzata mill-attur ghar-ragunijiet hawn elenkati.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimat.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru